MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 597/2004

**HSBC HOME LOANS (Malta) LTD.**

**vs**

**Carmel sive Charles CAMILLERI et**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat tmintax (18) ta' Ġunju elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) is-soċjeta' rikorrenti silfet lill-intimat l-ammont ta' ħamest elef u disa' mitt Lira maltija (Lm5,900) (Dokument HSBC1) liema kuntratt ġie reż eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali datata disgħa (9) ta' Novembru 1998 (Dokument HSBC2). Illi illum fadal is-somma bilanċjali ta' sebat elef, mija u tlieta u tmenin Lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm7,183.33) oltre l-imgħaxijiet legali mill-ħamsa (5) ta'

Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) skond l-anness prospett hawn anness u immarkat Dokument HSBC3;

Illi għaddew aktar minn ħames snin minn meta l-fuq imsemmi kuntratt bħal titolu eżekuttiv seta’ jiġi eżegwit;

Illi s-soċjeta’ rikorrenti għandha interess illi l-istess kuntratt għandu jerġa’ jiġi reż eżegwibbli u inforzabbli sabiex tkun tista’ teżegwixxi għall-ħlas tal-kreditu tagħha hawn fuq imsemmi;

Illi għalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Għaldaqstant, is-soċjeta’ esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tawtorizzaha teżegwixxi u tordna l-eżekuzzjoni tal-kuntratt hawn fuq imsemmi tat-18 ta’ Ġunju 1991 reż eżekuttiv permezz tal-ittra uffiċjali datata 9 ta’ Novembru 1998 sabiex jottjeni l-ħlas tas-somma ta’ sebat elef, mija u tlieta u tmenin Lira maltija u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm7,183.33) oltre’ l-imgħaxijiet legali mill-ħamsa (5) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) kif hawn fuq spjegat.

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa’ t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat/i.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------